MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 427/2005

**Alfred Ciantar**
**vs**
**Godfrey Camilleri u martu Maria Teresa sive Marthese Camilleri u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2005 giet imsejha fil-kawza l-kumpanija Montaldo Insurance Agency Limited**
**bhala agenti w in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur tal-4 ta' Mejju 2005 li tghid hekk:

Premess illi fil-31 ta' Mejju 2003 l-attur u l-konvenut kienu nvoluti f'kollizzjoni awtomobilistika, liema kollizzjoni sehhet esklussivament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, kif jirrizulta mill-anness rapport tal-pulizija, Dok. AC1;

Premess illi fl-imsemmi incident, l-attur korra gravement, kif jirrizulta mill-annessa dokumentazzjoni medika, Dok. AC2 sa AC10;

Premess illi l-attur sofra danni emergenti relattivi ghall-kura u t-trattament u l-medicinali li huwa rcieva u li ghadu qed jircievi, kif ukoll lucrum cessans bhala rizultat tat-telf tal-impjieg li huwa kellu bhala rizultat tad-debilita' permanenti li huwa sofra; id-debilita' permanenti hija ta' hmistax fil-mija (15%) kif iccertifikat mis-Sur Charles J. Grixti (rapport anness bhala Dok. AC11), b'dan illi t-telf reali li huwa sofra fid-dhul tieghu huwa ikbar minn hekk;

Premess illi s-socjeta' assiguratrici tal-konvenut ma cahditx ir-responsabbilita' tal-assigurat taghhom ghal-incident de quo, u fil-fatt hallset id-danni emergenti relattivi ghall-hsarat sofferti mill-vettura tal-attur, izda ma qablitx dwar il-likwidazzjoni tad-danni personali sofferti mill-attur kif ikkalkolata minnu (korrispondenza u dokumentazzjno relattiva esebita bhala Dok. AC12 sa AC16);

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-kollizzjoni li fiha kienu involuti l-attur u l-konvenut fil-31 ta' Mejju 2003, liema kollizzjoni sehhet esklussivament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. Tillikwida u tordna lill-konvenuti jhallsu tali danni kif likwidati;

Bl-imghax u b-ispejjez legali, bl-ingunjzoni minn issa tal-konvenuti in subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konjugi Camilleri li jghidu hekk:

1. Preliminarjament l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradittturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur peress li skond l-att tac-citazzjoni jirrizulta li l-attur u s-socjeta' assikuratrici Montaldo Insurance Agency Limited agenti f'Malta tas-socjeta' estera American Home Assurance Company dahlu f'relazzjoni guridika bejniethom li ghaliha l-eccipjenti huma estraenji u ma kienux gew mgharrfa dwarha, u inoltre l-eccipjenti qatt ma accettaw xi responsabbilita ghall-kollizjoni de quo, ma awtorizzaw l-ebda pagament tal-allegati danni u ma awtorizzaw l-ebda assunzjoni ta' responsabbilita ghall-kollizjoni de quo;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess, kemm in vista tal-fuq imsemmija relazzjoni guridika bejn l-attur u l-imsemmija socjeta' assikuratrici, kif ukoll ghall-fatt li l-ghamla tal-polza ta' assigurazzjoni fil-kaz in ezami hija comprehensive, u anki ghall-finijiet u effetti tal-ligi, l-eccipjenti jirriservaw minn issa li jitolbu l-kjamata fil-kawza tal-istess socjeta' assikuratrici Montaldo Insurance Agency Limited agenti f'Malta ta' American Home Assurance Company;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dan peress li ghall-kollizjoni in kwistjoni huwa unikament responsabbli l-istess attur li fil-mument tal-kollizjoni kien qieghed isuq b'mod traskurat, negligenti, imprudenti u naqas li jhares ir-regolamenti tat-traffiku;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhuwiex minnu li fl-imsemmi incident l-attur korra gravement;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhuwiex minnu li l-attur sofra l-allegati danni emergenti u lucrum cessans in relazzjoni mal-incident de quo;

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma accetaw qatt xi responsabbilita

ghall-incident de quo, ma hallsu l-ebda allegati danni u ma awtorizzaw lill-ebda terza persuna jew socjeta; assikuratrici biex ghan-nom taghhom thallas l-allegati danni u/jew tassumi responsabbilita ghall-incident de quo, u inoltre fil-proceduri mehuda mill-Pulizija (Seduta – Kollizzjonijiet) fl-ismijiet: ”Il-Pulizija vs Godfrey Camilleri” skond is-sentenza tal-25 ta’ Gunju 2004 – vera kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok. GC (res judicata) – il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhieda, l-eccipjenti Godfrey Camilleri ma nstabx hati, u allura gie liberat;

7. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza:

1. In linea preliminari, it-talbiet attrici huma intempestivi stante illi l-attur kien gie mistieden biex jissottoponi ruhu ghall-ezami mediku da parte tal-konsulent tal-fiducja tal-eccipjenti, sabiex jigi esplorat jekk hemmx possibilita ta’ transazzjoni, izda baqa’ inadempjenti f’dar-rigward;

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghal-premess, trid issir prova tad-danni allegatament sofferti mill-attur;

3. Bla pregudizzju ghall-premess, il-quantum ta’ danni pretiz mill-attur mhux likwidat u ghalhekk, jekk ikun il-kaz, l-imghax ghandu jiddekorri biss mid-data tas-sentenza;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ir-rapport mediku gudizjarju ta’ Mr. Ivan Esposito tal-4 ta’ Novembru 2010;

Rat il-verbal tat-2 ta’ Mejju 2011 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2011;

## Ikkunsidrat

## Fatti

Din hi kawza li tirrigwarda habta bejn zewg vetturi li sehhet fil-31 ta' Mejju 2003 ghal habta tal-11-30pm. Alfred Ciantar kien isuq vettura BAE029 fi Triq l-Assedju l-Kbir tiela' fid-direzzjoni tal-Furjana mentri l-konvenut Godfrey Camilleri kien isuq il-vettura BBJ843, hiereg minn Triq Hannibal Scicluna ghal Triq l-Assedju l-Kbir fuq il-lemin ta' mnejn kien tiela' Alfred Ciantar. Triq Hannibal Scicluna hi dik it-triq li tizbokka fuq Triq l-Assedju l-Kbir mid-direzzjoni tal-librerija tal-Gvern. F'tarf Triq Hannibal Scicluna hemm stop sign f'tabella u marka mal-art li fiz-zmien l-incident kienet ccarat biz-zmien. L-incident sehh fi Triq l-Assedju l-Kbir meta l-konvenut kien qed jaqsam u jiddritta fi Triq l-Assedju l-Kbir u l-attur kien tiela' fid-dritt fl-istess triq. Iz-zewg vetturi hallew marki mal-art, l-attur ta' dsatax-il metru u l-konvenut ta' sitt metri. Il-hsarat fil-vettura tal-attur kien fuq quddiem fil-genb tal-lemin filwaqt li tal-konvenut kienu wkoll fuq quddiem fil-genb tax-xellug. Fl-incident l-attur wegga wkoll.

## Eccezzjoni li l-konvenut Camilleri mhux legittmu kuntradittur

Il-konvenut Camilleri ghamel din l-eccezzjoni billi qed jallega illi l-attur u l-assikurazzjoni tal-konvenut Montaldo Insurance Agency Limited dahlu f'relazzjoni guridika li ghaliha l-konvenuti Camilleri kienu estraneji u ma kienux jafu dwarha u l-konvenuti qatt ma accettaw ir-responsabilta ghall-incident u ma awtorizzaw ebda pagament tad-danni.

Dak li jirrizulta mill-provi hu illi l-konvenut kien assikurat 'comprehensive' mas-socjeta' assikuratrici kjamata fil-kawza b'digriet tat-12 ta' Lulju 2005 (ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' Montaldo tindika li qed tintervjeni fil-kawza). Wara l-incident hu mar jaghmel claim u hallas l-excess ta' Lm25. Minn hemm il-quddiem hu ma sema' xejn aktar hlief meta rceva l-kawza.

David Debono claims manager tal-assikurazzjoni Montaldo (ara xiehda pagna 311 et seq. tal-process) xehed fil-fatt illi peress li l-assikurat kellu polza comprehensive, darba li hallas l-excess u ghamel dan, l-assikurazzjoni dahlet fiz-zarbun tieghu. Fil-fatt l-assikurat saritlu t-tiswija fuq il-vettura tieghu mentri rigward l-attur wara li sar is-survey fuq il-vettura tieghu u rrizulta illi l-ispiza ghat-tiswija kienet kbira wisq meta tqis il-valur tal-vettura, l-attur gie kumpensat bis-somma ta’ Lm1,600 valur tal-vettura, u l-vettura zammha l-attur stess. Il-konvenut qed jikkontendi illi dan il-hlas sar bla awtorizzazzjoni u ad insaputa tieghu u hu fil-fatt qatt ma accetta ebda responsabilta ghall-incident. Ghalhekk b’dan l-argument hu jinsisti li nholqot relazzjoni diretta bejn l-attur u l-assikurazzjoni li fiha l-konvenut ma ghandhux jiddahhal.

Il-Qorti ma taqbilx. In-natura ta’ din il-kawza ghall-attur hi wahda ta’ culpa aquiliana li taqa’ taht l-artikolu 1031 et seq. tal-Kodici Civili. L-attur li qed jallega hsara materjali u telf ta’ qliegh minhabba dizabilita permanenti konsegwenti ghall-incident in kwistjoni, irid ifittex lil min ikkawzalu l-hsara. Is-sitwazzjoni nbidlet ftit bl-Att XXX tal-2002 li emendat l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn gie krejat principju sui generis kontra r-regola tal-culpa aquiliana u d-danneggat inghatatlu l-opzjoni li jharrek lill-assikurazzjoni tad-danneggant flok jew mal-persuna li kkagunatlu d-dannu. L-artikolu 9A tal-Kap. 104 li din il-Qorti qed taghmel referenza ghalih, pero ma dahalx in vigore qabel l-2004, cioe wara l-incident. Kwindi fil-perjodu li fih sehh l-incident l-attur ma kellux ghazla hlief li jfittex lil min ghamillu l-hsara, ghal dikjarazzjoni ta’ responsabilta u kundanna ta’ danni sofferti. F’dan il-kaz irrizulta illi l-assikurazzjoni, bla taghrif u accettazzjoni tal-assikurat taghha hallset ghad-danni fil-vettura tal-attur. Ghalkemm sar dan il-hlas pero ma saret ebda accettazzjoni tar-responsabilta ghall-incident mill-assikurazzjoni la f’isimha jew f’isem l-assikurat taghha (ara skrittura Dok. AC12 a fol. 26 tal-process) u wisq anqas mill-assikurat innifsu.

Irid jinghad illi l-iskrittura li biha sar il-hlas tal-hsara fil-vettura tal-attur ma jsemmi ebda assunzjoni ta’

responsabilta da parti tal-assikurazzjoni jew l-assikurat taghha u tirreferi biss ghal hlas tal-hsara fil-vettura u mhux danni ohra li l-attur kien gia qed jirreklama f'dak iz-zmien kemm bhala damnum emergens u kemm bhala lucrum cessans.

Il-vinkolu kontrattwali li hemm bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat cioe f'dan il-kaz ta' assikurazzjoni comprehensive hi li l-assikurazzjoni taghmel tajjeb ghad-danni kollha li sofra l-konvenut (l-assikurat taghha) u t-terz fil-habta jekk il-htija hi tal-assikurat, u billi l-assikurazzjoni hi comprehensive ladarba l-assikurat jithallas tal-hsara sofferta minnu fl-incident l-assikurazzjoni tidhol fiz-zarbun tal-assikurat biex tfittex lit-third party ghal hlasijiet li setghet ghamlet lill-assikurat taghha ghal hsara li sofra l-istess assikurat jekk fil-fehma tal-assikurazzjoni t-tort ghall-incident kien tal-parti l-ohra involuta. Kif qalet il-Qorti fl-Appell Inferjuri **Untours Insurance Agents Limited noe vs Salvatore Zarb** (20.04.2005):

Illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni, ta' min jirrileva, hu kuntratt *sui generis* bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni. Lassigurazzjoni tiehu riskju minflok l-assigurat taghha u ta' dan tigbor "premium" u ta' dak il-"premium" taghti servizz lill-assigurat li kemm-il darba dak l-event isehh allura persuna li tkun assigurata tithallas jew tad-dannu jew ghas-somma miftiehma. Id-dottrina tas-surroga, f' kaz li levent dannuz isehh u jsir il-hlas mill-assigurazzjoni abbazi tal-polza, tipprotegi li l-assigurat jiehu hlas doppju taddanni tieghu ghall-istess fatt, wiehed minn ghand lassigurazzjoni u l-iehor minn ghand l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu. Is-surroga hija konsegwenza naturali tal-kuncett ta' l-indennizz illi tifforma bazi integrali talkuntratt ta' l-assigurazzjoni. Din id-dottrina giet zviluppata fil-ligi Ingliza taht il-Law of Equity.

Il-ligi taghna tikkontempla l-hlas bis-surroga fl-Artikoli 1164 u 1167 tal-Kodici Civili. Is-surroga tista' tkun wahda legali jew konvenzjonali. Illi l-qrati taghna sostnew illi gialadarba d-ditta ta' l-assigurazzjoni ghamlet tajjeb ghaddanni konsegwenzjali ghall-incident u hallsithom, kif kienet

obbligata li taghmel skond il-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni, allura abbazi tas-subartikolu (c) ta’ l-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili s-surroga issir “ipso iure”. (Hugh Zammit noe vs Joseph Spiteri - PA 05/10/1993; Edgar Galea noe vs John Tanti - PA 16/12/1991).

Illi ghalhekk hekk kif isir il-hlas mis-socjeta` ta’ lassigurazzjoni lill-assigurat abbazi tal-kuntratt ta’ lassigurazzjoni, l-assigurat jitlef id-dritt ta’ azzjoni kontra lpersuna li tkun ikkawzat id-dannu u dana peress illi hekk kif isir dan il-hlas, issir is-surroga “ipso iure” u kwindi ddrittijiet kollha ta’ l-assigurat, inkluz ghalhekk id-dritt tieghu ta’ l-azzjoni, ighaddu a favur ta’ l-assigurazzjoni.

Illi sahansitra f’ sentenza moghtija fil-25 ta’ Novembru 1929, il-Qorti tal-Kummerc kienet sostniet, meta ccitat il-Vivante illi: “L’ assicurato che fu risarcito del danno non ha piu azione contro il colpevole perche’ non ha alcun interesse di far valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento dal colpevole pel medesimo danno, sarebbe indenizzato due volte e l’ assicurazione procurerebbe un indebito lucro. L’ altra parte il terzo, colpevole del sinistro, non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui e’ rimasto estraneo, e pel quale non ha pagato alcun premio, e percio’ deve rispondere del danno verso l’assicuratore ce piglia il posto dell’ assicurato.”

Dan il-kaz jipprospetta pero ipotesi differenti. It-terz hu dak li qed jirriklama d-danni sofferti. Kwistjoni simili izda mhux identika tqajmet fil-kawza **Untours Insurance Agency Limited noe vs Robert Azzopardi** (App Inf 23.012004). F’dik il-kawza l-gharfa Qorti tal-Appel qalet hekk:
Tajjeb li jigi osservat illi kif drabi ohra ntqal mhux eskluz fit-teorija li s-sitwazzjoni koncepita mis-socjeta` appellanti tista’ tinholoq fejn id-danneggjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaguna l-hsara jidhlu f’relazzjoni diretta bejniethom, li bhala rizultat taghha, s-socjeta` assikuratrici tassumi pjenament ir-responsabilita` ghall-hlas tad-danni, u dana bl-accettazzjoni da parte tad-danneggjat li jehles lil min kien ikkagunalu l-hsara minn kull addebitu. Ftehim

dan li jehtieg li jkun esplicitu, car u univoku u maghmul filforma li tezigi l-ligi. Ftehim li jrid ukoll isir in osservanza tal-provvedimenti tal-Kap 104. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet “**Joseph Mallia -vs- Joseph Falzon et**”, Appell, Sede Inferjuri 31 ta’ Lulju 1996.

Minn dan huwa desumibbli illi r-rapport kontrattwali jinholoq bejn it-third party u l-assikurazzjoni taddanneggjant in kwantu r-relazzjoni bejn l-istess third party u d-danneggjant tibqa’ wahda naxxenti minn kwazi delitt. Dan hu wkoll il-hsieb li jemergi mis-sentenza kwotata millistess
socjeta` appellanti u li tinsab riportata a **Vol XXXVII pI p140**.

Fiha gie ritenut illi meta l-kumpanija assikuratrici tircievi l-claim mit-third party, tipprocessah, u tistabilixxi l-ammont tal-indennizz allura bejn il-kumpanija assikuratrici u t-third party jinholoq rapport gdid, dak cjoe`, li l-kumpanija jekk ikun il-kaz, thallas it-third party in bazi ghal polza tassikurta`. Huwa f’dan li l-posizzjoni guridika tghaddi mill-fazi ta’ azzjoni ‘ex delicto’ ghal dik ta’ adempiment jew inadempiment kontrattwali, li minnha tista’ tohrog l-azzjoni ‘ex contractu’ li hija preskrivibbli zmien hames snin.

Biex tinholoq relazzjoni kontrattwali jehtieg jew li jkun hemm rikonoxximent ta’ responsabilita` ghall-akkadut da parti ta’ min ikkaguna d-danni jew li jkun hemm assunzjoni tar-responsabilita` ghar-rizarciment ta’ dawk id-danni minn terza persuna in forza ta’ xi kuntratt anke antecedenti ghall-akkadut bhal ma hu l-kuntratt ta’ assigurazzjoni. Hekk irragunat il-Qorti ta’ l-Appell fid-decizjoni taghha tas-6 ta’ Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet “**Joseph Busuttil -vs-Avukat Dottor John Mamo noe**”.

Mill-provi ma jirrizulta ebda assunzzjoni cara u univoka ta’ responsabilta da parti tad-danneggant jew l-asskurazzjoni tieghu. Il-konvenut fil-fatt lanqas kien konsapevoli x’kien ghaddej bejn l-assikurazzjoni tieghu u l-attur. Hu minnu illi l-assikurazzjoni hallset ghad-danni fil-vettura tal-attur pero d-dikjarazzjoni tal-hlas bl-ebda mod ma ssemmi li qed jigi accettat xi assunzjoni piena ta’ responsabilita (ghall-

grazzja tal-argument jista’ jinghad li l-hlas sar buona grazzja mill-assikurazzjoni fi sforz biex taghlaq il-kwistjoni) u l-istess attur ma jikkonferma ebda rabta kontrattwali mill-assikurazzjoni tant li fittex kif kellu jaghmel lill min ikkagunalu l-hsara.

Kif taraha din il-Qorti l-materja kienet u baqghet wahda ta’ colpa aquiliana u ta’ danni skaturati mir-rapport extra kontrattwali u l-ksur tad-dover neminim laedere kombinat minn negligenza taht l-artikolu 1032 u 1033 tal-Kodici Civili.

L-attur ma kellux ghazla hlief li jistitwixxi l-kawza kontra min ikkagunalu l-hsara ghas-sejbien tar-responsabilta li hi sine qua non kundizzjoni ghat-talba konsegwenzjali ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni. Li kieku l-attur harrek lill-assikurazzjoni biss, dejjem ghal incidenti li sehhew qabel l-introduzzjoni fis-sehh tal-artikolu 9A tal-Kapitolu 104, kien ikollu markanti l-vinkolu necessarju bejn l-att kolpuz u l-persuna li kkommettitu, rabta necessarja w indirogabbli fil-culpa aquiliana. B’daqshekk ma jfissirx pero li l-konvenut hu prekluz milli jilqa’ ghat-talba attrici billi jichad ir-responsabilta, u dan avolja l-assikurazzjoni hallset parti mid-danni reklamati mill-atturi billi tali hlas sar f’cirkostanzi li ma hemmx l-adezjoni cara tieghu u li taliminalu d-dritt li jikkontesta r-responsabilita ghall-incident.

Ghalhekk filwaqt li l-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-konvenut li mhux il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri, xorta qed jinzamm ferm id-dritt tieghu li jikkontesta r-responsabilta ghall-incident.

**Eccezzjoni ta’ intempestivita mressqa minn Montaldo Insurance**

Ghalkemm l-assikurazzjoni resqet eccezzjoni f’dan is-sens bazata fuq il-fatt li l-attur ma ssottomettiex ruhu ghal ezami mediku mit-tabib tal-assikurazzjoni biex jigu verifikati l-pretensjonijiet attrici qua allegazzjoni ta’ disabilita, ix-xiehda tal-claims manager tal-assikurazzjoni David Debono tpoggi fix-xejn din l-eccezzjoni billi hu qal li l-attur issottometta ruhu ghall-ezami mediku fi-Frar 2004 u

l-eccezzjonijiet ghal kawza gew prezentati f'Settembru tal-istess sena. Kwindi din l-eccezzjoni mhix milqugha.

**Responsabilta ghall-incident**

Li jirrizulta mill-atti, xiehda u sketch u okkorenza tal-pulizija hu li l-attur kien isuq fi triq principali fi triq li ghalkemm ghat-telgha pero b'vizwali twila fiz-zewg direzzjonijiet. Il-konvenut kien hareg minn triq laterali ghal fuq triq principali fejn hemm stop sign f'tarf l-imsemmija triq

Skond il-Highway Code, l-artikolu 91 jipprovvdi li: "Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road". L-artikolu 84 jghid: "Use extra care at junctions and intersections**. STOP at STOP SIGNS"**.

Kif inhu risaput fil-gurisprudenza in materja

Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li: "Is-'side road use'r ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel johrog fiha, u li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhhu li jista johrog bla hsara". "Il-*main road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user* ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. " (Ara App.Civ. Mag. A.Stagno Navarra vs N.Saliba Vol XLV p1 p 389; Il-Pulizija vs G. Buttigieg et Vol XLV11 p4 p1198; VOl XLV1 p1 p 112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16/12/93; PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).

Id-dover tas-*side road user* hu li dan "irid jidhol gol 'main road' bla ma jiehu riskji li *driver* prudenti ma jiehux". *Side road user* ma jistghax johrog go *main road* bl-izgiccaturi. App.Krim Pul vs G.Gales Vol 37 p 1108 "Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke

sakemm jaqsam ghal kollox". App Civ. H.Farrugia vs R.Ripard. 15.2.74

Il-konvenut jallega illi hu kien wieqaf fuq l-istop qabel hareg fit-triq principali u hareg ghax ma kien gej hadd mit-triq principali. Pero l-isketch juri illi l-attur halla dsatax-il metru brake mark jew skid mark billi l-pulizija li nvestiga l-kaz PS325 Patrick Bonnici ma setax jaccerta ruhu huwiex brake jew skid marks (fol. 142 et seq. tal-process). Il-konvenut halla sitt metri. L-incident sehh fi Triq l-Assejdu l-Kbir cioe it-triq principali lejn nofsha l-wisa' tal-istess triq u dan jirrizulta mill-isketch. Jekk hu minnu dak li xehed il-konvenut cioe li kien wieqaf qabel hareg u ra li ma kien gej hadd allura ma kienx attent ghax kieku fi triq twila u dritta u mill-pozizzjoni tal-konvenut, ghan-nizla, kien jilmah sew lill-attur. L-obbligu tieghu f'dawk ic-cirkostanzi iktar u iktar jekk rah gej bi speed, kien li jibqa' wieqaf u ma johrogx fit-triq principali u jostakola traffiku fit-triq principali li fuqu kellu d-dritta li jibqa ghaddej bla xkiel. Dan wassal ghal konkluzzjoni jew li l-konvenut ma kienx wieqaf fuq l-istop sign u hareg ghal nofs it-triq principali (u dan jispjega l-brake marks li kellu u l-pozizzjoni angolata taghhom) jew jekk hareg minn pozizzjoni wieqfa ma kellux proper lookout ghal dak li kien isehh fit-triq principali in plain view.

Il-Qorti tqis li l-konvenut hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Irid pero jigi determinat jekk l-attur ikkontribwix ghall-incident

Huwa veru wkoll illi kif abbondantement stabbilit il-*main road user* ma ghandux garanzija ta' innocenza assoluta u lanqas ma ghandu xi presunzjoni favur tieghu li l-iehor ma jgawdix ukoll. Hija biss ir-regola

li hija ta' massima importanza li s-*side road user* ghandu jieqaf u jcedilu d-dritta sakemm jipprova jidhol fil-*main flow of traffic* u ghalhekk ghandu jadopera prekawzjonijiet mehtiega, imma l-grad ta' diligenza ta' kull *driver* preskritt mil-ligi huwa dak ta' diligenza ordinarja tar-*reasonable standard of care* ("**Giuseppe Bonnici *et* -vs- Massimiliano Felice *et***", Appell Civili, 15 ta' Jannar 1971). Jinghad a propozitu illi "l-*main road user* m'ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju

stradali li fih ikun koinvolt *side road user*" - "**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966

Minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta' jigi kwalifikat bhala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-*main road user* jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni. Ara "Cecil Ellul –vs- Joseph Muscat", Appell, 6 ta' Ottubru 1999
Gie allegat illi l-attur kien isuq bi speed qawwi u dan hu indikattiv mid-dsatax-il metru brake jew skid marks li jekk jittiehdu bhala brake marks u jittiehed it-thinking distance jirrizulta li l-attur lemah lil konvenut minn 28 metru boghod jew tul ta' circa seba' vetturi lura. L-attur jixhed li ma kienx isuq bi speed qawwi. Tali thinking u braking distance hu kompatibbli ma' speed ta' circa 65 kilometru fis-siegha. Ghalkemm l-ispeed tal-attur kien xi ftit elevat ghal lokalita pero dan l-ispeed ma kienx il-kagun ewlieni jew kontributorju tal-incident. Kif qalet il-Qorti diversi drabi u kif senjelat fil-kawza **Raymond Pace vs Antoine Bartoli** deciza fis-27 ta' Gunju 2003:

"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti li *speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche li *speed* tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah "sfrenat".

F'dan il-kaz il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-fatti juri li l-ispeed kien wiehed sfrenat. Anqas id-danni fil-vettura ma kienu ta' xi entita partikolari li wiehed jista' jikkonkludi li kienet tindika xi speed sfrenat. Il-fatt li l-attur gie kumpensat bil-valur tal-vettura kien necessitat mill-istess

valur baxx tal-vettura paragunat mal-valur tal-parts biex tissewwa.

Ghalhekk il-Qorti issib lil-konvenut Godfrey Camilleri unikament responsabbli ghal kollizjoni in kwistjoni.

**Danni**

Id-danni subiti fil-vettura tal-attur huma kollha mhallsa kif jidher mill-iskrittura a fol. 26 tal-process.

L-attur qed jirriklama oltre l-hsara fil-vettura damnum emergens konsistenti fi spejjez medici u ohrajn relatati konsegwenza diretta tal-incident u telf ta' qliegh futur billi hu kellu jitlaq l-impjieg li kellu minhabba l-istrapazz u x-xoghol li sab kien imhallas anqas apparti li waqt ix-xiehda rrizulta li almenu fl-2006 spicca bla xoghol.

In kwantu ghad-damnum emergens jirrizulta illi l-incident sehh fil-31 ta' Mejju 2003. Il-paga tieghu fl-2002 kienet ta' Lm7,060 gross ekwivalenti bir-rata ta' 0.4293 ghal €16,375 (Dok. JF1 fol. 57 tal-process). Hu baqa' fl-istess impjieg mas-socjeta' li kienet timpjegah cioe Falcar Limited sal-ahhar ta' Dicembru 2003, meta kellu jispicca mill-impjieg minhabba li konsegwenza tal-incident ma setax jahdem aktar mal-istess socjeta'. Mill-incident sal-mument li hu spicca mill-impjieg, kien qieghed fuq salarju ridott minhabba nuqqas ta' kapacita lavorativa pero rceva xi beneficji socjali fil-frattemp. Jirrizulta illi fl-2003 hu rceva Lm3,274 f'paga u Lm710 f'beneficji socjali (ara fol. 460 u fol. 210 tal-process rispettivament) b'kollox ammontanti ghal Lm3,984 jew €9,280. B'hekk l-attur gie li sofra telf ta' qliegh attwali sakemm spicca mix-xoghol attwali tieghu fl-ammont ta' €7,095 (€16,375 – €9,280).

Ma dan it-telf irid jizdied ukoll l-ispejjez medici u ohrajn konnessi inkorsi minn ghand it-tabib Michael Gonzi, l-ispecjalista Mr. Grixti, id-dentist Norden Dental Clinic, medicinali u terapija fil-Fortina Spa Mediterranee li skond il-kalkoli li ghamlet il-Qorti mill-fatturi u jew ricevuti prezentati mill-attur minn pagna 66 sa 104 tal-process jammontaw kif gej:

| | Lm | € |
|---|---|---|
| Mr. Charles Grixti | 175 | 408 |
| Dr. Michael Gonzi | 40 | 93 |
| Norden Dental Clinic | 147 | 342 |
| Medicini | 36 | 84 |
| Spa Mediterranee | 113 | 263 |
| Total | 511 | 1,190 |

Dawn il-figuri li ttiehdu 'to the nearest Euro' biex jigu evitati frazzjonijiet, u li jirraprezentaw il-hlasijiet li ghamel l-attur, jirrizultaw gustifikati u ragonevoli tenut kont tan-natura tal-hsara fizika li sofra l-attur konsegwenza tal-incident u ghandhom jigu milqugha. B'hekk l-attur hu intitolat ghas-somma komplessiva ta' €8,285 bhala damnum emergens.

## Lucrum cessans

L-attur li ghandu karta tal-identita numru 408578(M) jirrizulta li kellu l-incident meta kellu 25 sena. Hu kellu impjieg fiss full time ma’ Falcar Limited li fl-ahhar sena shiha li hadem mal-istess socjeta’ qabel l-incident cioe dik li ntemmet fl-2002 kellu paga gross ta’ Lm7,030 jew €16,375.

Ir-rapport tal-mediku espert nominat mill-Qorti Ivan Esposito (a fol. 510 tal-process) jasal ghal konkluzjoni illi l-attur ghandu dizabilita permanenti ta’ ghaxra fil-mija (10%). Ghalkemm irrizultat diskrepanza fir-rapport bejn l-ammont ta’ dizabilita miktuba bi kliem u dik bin-numri (fejn gie mnizzel 8 u 10 fil-mija rispettivament) din giet korretta minnu b’nota fl-atti fil-1 ta’ Gunju 2011.

Il-konkluzjonjijiet tal-perit mediku ma gewx attakkati mill-partijiet u l-provi medici jaghtu lil Qorti c-certezza morali illi l-attur qed isofri minn dizabilita sofferta kagun tal-incident u mhux kawzi ohra w illi l-percentagg ta’ dizabilita ghandu jkun dak li ccertifika Mr. Esposito, billi l-Qorti ma tara ebda raguni ghalfejn tiddiskosta ruhha minn tali konkluzjoni. Ghalkemm l-attur jissottometti illi hu sofra wkoll dizabilita minhabba l-intervent li kellu fuq snienu, pero ma intalab ebda nomina ta’ espert a rigward u anqas ma ngiebet prova ex parte tal-attur biex jissostanzja tali talba. Ghalhekk il-Qorti mhix ser tiehu konsiderazzjoni ta’ xi dizabilita ohra li setghet skaturat effett tal-incident oltre dak li ccertifika Mr. Esposito fir-rapport tieghu rigward dizabilita ortopedika.

Ghalhekk wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi ser tghaddi biex tikkalkula l-lucrum cessans tal-atturi kawza tad-dizabilita tieghu.

Il-Qorti ser tiehu bhala qliegh is-somma ta’ €16,375 li kienet l-ahhar paga shiha ta’ sena l-aktar vicin tal-incident u ma’ din is-somma ser izid is-somma arbitro u boni viri ta’ €2,300 biex jaghmel tajjeb ghaz-zidiet fl-gholi tal-hajja tul iz-zmien li ser jintuza bhala multiplier. B’hekk il-qliegh ser jigi kkalkolat fl-ammont ta’ €18,675.

Bhala multiplier ser jintuza l-perjodu 36 sena cioe d-differenza bejn l-eta pensjonabbli u l-eta tal-attur fi zmien l-incident.

Il-kalkolu tat-telf ghandu jsir hekk: €18,675 x 36 x 10% = €67,230.

It-tnaqqis ghal lump sum payment li solitament hu ta' 20% ser jigi ridott ghal 14% u dan tenut taz-zmien li hadet il-kawza. Din il-Qorti tistrieh fuq is-sentenza Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe deciza fil-5 ta' Ottubru 1995 fejn gie deciz illi fl-ewwel tlett snin tal-kawza ma jkunx hemm tnaqqis izda ghal kull sena sussegwenti jitnaqqas 2% ghal kull sena. B'hekk l-ammont dovut lill-attur bhala lucrum cessans hu ta' €57,818. B'kollox l-attur sofra s-somma ta' €8,285 damnum emergens u €57,818 b'kollox €66,103.

**Konkluzzjoni**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut Godfrey Camilleri responsabbli ghall-incident awtomobilistiku bejnu u l-attur fil-31 ta' Mejju 2003. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti kollha responsabbli in solidum ghal hlas tad-danni kagunati u likwidati favur l-attur fis-somma ta' €66,103. bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti u bl-imghax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------